# LINK UPDATE

Connecting Youths

**Newsletter 21** Ottubru - Diċembru 2013

Mob: 79081101 | info@linkyouths.org | www.linkyouths.org

## *LINK - Think young, Stay fresh*

Din is-sena l-grupp LINK għalaq 5 snin, 5 snin ta' ħidma miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ. Il-grupp dejjem baqa' bl-istess għan, dak li jgħin liż-żagħżugħ jikber fih innifsu, jiskopri u jkabbar ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla u mal-oħrajn.

Il-ħajja tagħna hija vjaġġ, avventura bi sfida waħda wara l-oħra. Hija sfida ta' kuljum biex tmur l-iskola, tistudja, tmur ix-xogħol u taħdem. Madankollu bosta drabi nispiċċaw naqgħu fir-rutina ta' kuljum ta' skola u xogħol u ma nagħrfux niskopru affarijiet oħra. Dan iseħħ fost l-oħrajn minħabba l-pressjoni li nagħmlu aħna fuqna nfusna jew li s-soċjeta' tagħmel fuqna. Għalhekk nispiċċaw naslu biss sa fejn inħossuna komdi aħna u nibżgħu nifthu lilna nfusna għall-oħrajn. B'hekk tinħoloq sitwazzjoni fejn forsi naħsbu li m'għandna xejn x'nagħtu jew x'nirċievu. Żagħżugħ fih innifsu jħoss il-bżonn u x-xewqa li jiskopri u li jesperjenza sitwazzjonijet ġodda. U x'hemm isbaħ milli dan tagħmlu ma' żgħażagħ oħra li qegħdin fl-istess mixja ta' tiftix u skoperta tiegħek?

Din is-sena ntagħżlet it-tema LINK – *Think young, Stay fresh*. Dan għax xtaqna nuru l-importanza li ż-żgħażagħ jkollhom post fejn iħossuhom fl-ambjent ideali u naturali tagħhom. Fl-istess waqt ridna wkoll nħeġġu aktar żgħażagħ jesperjenzaw LINK, li minnu nnifsu qed ikun ta' għajnuna għal diversi żgħażagħ biex jaħsbu, jesprimu lilhom infushom u jħossuhom liberi fl-aktar ambjent adattat għalihom. U fejn iwassal dan kollu? Biex iż-żgħażagħ jibqgħu enerġetiċi, motivati u għala le friski, biex jaffrontaw l-isfidi li jiltaqgħu magħhom matul il-vjaġġ, l-avventura.



Il-membri ta' LINK jiddeskrivu l-grupp bħala familja, katina ta' ħbiberiji, opportunita' ta' żvilupp, imħabba, spazju, għaqda, formazzjoni, kif ukoll sfida. F'LINK issib dan kollu u ħafna aktar, issa jiddependi minnek kemm inti lest li tiskoprina u tiskopri lilek innifsek.

**LINK Team**

## X'jaħsbu l-ġenituri fuq LINK?...

Il-LINK, ismu miegħu, qiegħed jagħmel ħiltu kollha sabiex jibni pont, mhux biss bejn iż-żgħażagħ li jattendu l-laqgħat, imma wkoll bejn il-ġenituri tal-istess żgħażagħ, membri oħra fil-komunità u tal-madwar. Bħala ġenitur ta' żewġ żgħażagħ fl-aqwa tagħhom inħossni kuntent u rasi mistrieħa li jattendu l-grupp tal-LINK. Mhux għax huma 'l bogħod minn ċerti 'perikli' (kif ta' sikwit ngħidu aħna l-ġenituri) imma għax jien konvint li l-attivitajiet li jiġu organizzati qed jgħinu fil-bini tal-karattru u t-tisħiħ fil-prinċipji tagħhom. Dan kollu jixhed fil-mumenti ta' komunikazzjoni bejnietna d-dar. Il-LINK sar punt ta' referiment għall-familja tagħna.

***Mario Cucciardi (missier Luke u Leanne Cucciardi)***
















Bħala ġenitur minn dejjem kont nitħasseb x'kien se jiġri minn uliedi meta dawn jitilqu mill-Mużew. Dejjem xtaqnihom li jidħlu f'xi tip ta' għaqda jew grupp li jkun adatt għaż-żgħażagħ. Meta t-tifel tagħna Mauro qalilna li kien dieħel mal-grupp LINK u fhemna dan il-grupp x'inhu, aħna fraħna ħafna. Indunajna li dan il-grupp seta' jagħmel ġid kbir lit-tifel tagħna fejn seta' jikber kemm psikoloġikament, soċjalment u anki spiritwalment. U hekk kien! Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil dan il-grupp fejn fih tara lil dawn iż-żgħażagħ qishom familja kbira. Proset LINK!

***Anna Fenech (omm Mauro Fenech)***









Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed naraw is-soċjeta' tagħna ssir individwalista, fejn il-bniedem jagħmel lilu nnifsu ċ-ċentru u ftit jimpurtah minn dawk ta' madwaru. Fid-dawl ta' dan huwa ta' ħafna sodisfazzjon għalina l-ġenituri li uliedna żgħażagħ ikollhom l-opportunita' ta' għaqdiet fil-knisja u s-soċjeta' bħalma huwa LINK, fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu u, f'ambjent tajjeb u bl-għajnuna ta' nies imħarrġa, ikunu jistgħu ikomplu bil-formazzjoni sħiħa tagħhom li twassalhom biex 'il quddiem ikunu ċittadini u nsara tassew maturi u responsabbli. Grazzi.

***Sebastian Mercieca (missier AnneMarie u Caroline Mercieca)***

# Esperjenzi fil- LINK



Kien fil-bidu ta' Marzu li bdejt nattendi l-laqgħat u l-attivitajiet tal-grupp LINK Youths, Qormi. Issa għalaqt sitt xhur. Sirt naf b'dan il-grupp minn wieħed li ġieli ta taħditiet hemm. Jien qabel ġieli kont attendejt f'laqgħat f'postijiet oħra imma qatt ma kont ħassejtni komdu magħhom u meta qaluli b'LINK ħsibt li ħa jiġri l-istess. Imma ddeċidejt li xorta nipprova biex nara jekk insibx u nagħmel ħbieb ġodda. Hekk kif mort għall-ewwel laqgħa ħassejtni milqugħ mill-ewwel bħala wieħed minnhom. Jien kont qed infittex ħbieb ġodda imma minflok sibt familja oħra, u ta' dan nirringrazzjahom. Apparti li meta niltaqgħu naraw lil xulxin u nieħdu gost bil-kumpanija ta' xulxin, kull laqgħa tkun informattiva u b'hekk dejjem nitgħallmu xi ħaġa ġdida u interessanti u xi drabi jkollna attivitajiet bħal *Pasta night*, *Pesach*, *BBQ*, *Live-in*, *Water games* u ħafna iktar. Waqt dawn l-attivitajiet l-avventuri, ritratti, *videos* u talb ma naqsux!!! Verament kuntent li qiegħed ma' dan il-grupp u nkun ħerqan biex jasal il-Ġimgħa għal laqgħa ġdida. LINK - dak il-grupp li jgħaqqad iż-żgħażagħ. Kburi li jien parti minnu.

*Clinton Mifsud*





L-esperjenza tagħna mal-grupp ta' LINK hija waħda pożittiva ħafna. Aħna minn dejjem kellna x-xewqa nidħlu magħhom, imma l-unika biża' tagħna kienet li nispiċċaw nidħlu u ma nħossunix komdi. Imma darba l-Arċipriet qalilna biex nitħajru, u li żgur ma stajtx nispiċċa waħdi għax il-membri kollha huma dħulin. Għalhekk flimkien aċċettajna li nkunu parti mill-grupp filwaqt li għamilna kuraġġ lil xulxin, u ma' l-ewwel laqgħa kulħadd kien dħuli magħna u kollha għenuna biex insiru parti mill-grupp ta' LINK. Issa kull ġimgħa nkunu ħerqana biex immorru sal-laqgħa u nidħku xi ftit b'xulxin.

*Daniela Zammit u Therese Camilleri*

Fil-21 ta' Diċembru tal-2012 LINK Youths fetaħ il-bieb għall-ewwel darba għalija. Għall-ewwel kont xi ftit eċitat, iżda l-eċitament malajr telaq għax il-membri laqgħuni daqs li kieku kont ili nafhom. Memorja li żgur se tibqa ġo moħħi u qalbi hija l-laqgħa li flimkien ma' waħda mill-membri kont għamilt, bl-isem ta 'Ma qtajtx qalbi iżda għażilt li NGĦIX!!' fil- 5 t'April. Din il-laqgħa għallmitni li f'sitwazzjonijiet diffiċli mhux qiegħed waħdi, iżda apparti li għandi lil familti, għandi l-membri ta' dan il-grupp tant għażiż għal qalbi kollha warajja. Għalhekk inħeġġeġ liż-żgħażagħ ta' sittax-il sena 'l fuq biex jibdew jattendu għall-laqgħat kull nhar ta' Ġimgħa fit-tmienja u nofs, u għaliex le, forsi jkollkom ix-xorti tagħmlu laqgħa intom ukoll!

*Aaron Camilleri*







Minn mindu bdejt nattendi LINK Youths, l-esperjenza tiegħi nista' ngħaqqadha f'żewġ kelmiet: TAL-ĠENN!! Mill-ewwel laqgħa kont milqugħ daqs li kieku ilni fil-grupp, waqt li l-laqgħat dejjem kienu interessanti u li tieħu gost! Inħossni li sirt parti minn familja ġdida, fejn flimkien qegħdin nikbru b'fidi m'Alla.

*Luke Cucciardi*









L-esperjenza tiegħi fil-LINK hija waħda tajba ħafna. Mill-ewwel ħassejt lili nifsi milqugħa u kulħadd huwa magħqud. Kont ili nfittex grupp li jilqgħana u ma jwarrbuniex fil-ġenb. Il-grupp jagħmel attivitajiet interessanti u dejjem tgħallimt xi ħaġa ġdida.

*Leanne Cucciardi*

# Programm ta' Novembru u Diċembru:

01.11.13 - Il-vjaġġ jibda hawn ... Inti lest?

08.11.13 - Meta l-fjamma tonqos, ikun wasal iż-żmien li tqabbad lilek innifisek.

15.11.13 - Preparamenti għal WINE & PIZZA

16.11.13 - WINE & PIZZA



22.11.13 - "U Paċi fl-Art lill-Bnedmin ta' Rieda Tajba"

29.11.13 - NIGHT HIKE

06.12.13 - CHRISTMAS ... loading

13.12.13 - Ħarġa flimkien

20.12.13 - PARTY TAL-MILIED

24.12.13 - Velja tal-Milied qabel il-Quddiesa ta' Nofsillejl

24.12.13 - LINK CHRISTMAS BREAKFAST

25.12.13 - IL-MILIED IT-TAJJEB!!







Facebook: LINK Youths | Mob: 79081101| e-mail: info@linkyouths.org | www.linkyouths.org

Address: 95, Uffiċċju Parrokkjali, Triq San Ġorġ, Ħal Qormi, QRM 1237